# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 5 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 237/96**

**Numru 31**

**Brian Chircop**

**vs**

**Saviour Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur s-somma ta' Lm230.76,0 (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni lilu kagunati in segwitu ghal incident stradali fit-18 ta' April 1995 bejn car numru C-4371 misjuqa mill-istanti u car N-5942, incident f'Birkirkara. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u danni minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes komprizi Lm11.50 ta' ittra u konsult u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz lil Dr Stephen Thake noe (ai termini tal-kap 104) u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 7 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-incident awtomobilisitku meritu ta' dina l-kawza, gara minghajr htija jew nuqqas tal-eccipjent.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, ghandha issir referenza ghall-iskizz maghmul minn ex-PS498 Joseph Sammut (fol 31 u 51 tal-istess atti u esebit in atti a fol 26). Fl-iskizz jidhru z-zewg toroq involuti f'dan l-incident ossija Triq Fleur De Lys fid-direzzjoni minn Santa Venera lejn Birkirkara u triq laterjali ossija Triq l-1 ta' Mejju. Jigi notat li minn Triq Fleur De Lys,

sewwieq ta' vettura ma jistax jidhol fl-imsemmija triq laterali stante sinjal ta' divjet ta' dhul , kif muri fuq l-istess skizz. Jigi notat ukoll li kien hemm "mini-bus" parkeggat kif muri fuq l-istess skizz.

Ikkunsidrat

Illi l-attur, skond kif xehed a fol 28 u 45 tal-istess atti kif akkumpanjat minn Martha Debattista u kien qed jsuq il-karozza "Honda Civic" numru C-4371 mid-direzzjoni ta' Santa Venera. Fuq ix-xellug tieghu kien ra l-imsemmi Minibus "ossija van" parkeggat. Hawnhekk, hu dar lejn ix-xellug tieghu sabiex jidhol fl-imsemmija triq laterali. Pero hu waqaf, meta ra t-tabella msemmija ("one way" izda korrettement "no entry sign"). Waqt li kien wieqaf, hu ra jekk kienx possibbli ghalih sabiex jindjetregga ghal fuq it-triq principali. Izda hu kkonstata li, ma setax jaghmel din il-manuvra minhabba il-"minibus" parkeggat, gja msemmija. Hawnhekk, waqt li kien wieqaf, fi kliemu stess, "F'daqqa wahda, vettura ohra (misjuqa mill-konvenut) irriversjat (minn naha tal-lemin tieghu) ghal fuqi ...... din, il-vettura kienet ipparkeggata fuq il-main road mal-bankina, esattament fuq iz-"zebra crossing". Meta kien ra hekk l-attur kien daqq il-"horn" izda l-vettura l-ohra habtet ma tieghu billi intlaqtet il-bieba tas-sewwieq. (ara ukoll ix-xhieda ta' Martha Debattista a fol 33 u 47 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi dwar il-fatti in esami jidher evidenti li l-konvenut kien qed jindjetregga l-vettura tieghu minghajr, pero, d-debita attenzjoni waqt li qieghed jesegwixxi din il-manuvra. Jinghad li f'dawn il-proceduri, il-konvenut avolja kellu l-opportunita', ma kienx xehed (ara fol 37, 38, 41, 50, 53 u 54 tal-istess atti). Pero skond kif jidher mix-xhieda ta' PS 498 Joseph Sammut (fol 32 ibid) l-istess konvenut kien stqarr mieghu li kien parkeggat fuq Triq Fleur De Lys sabiex jkun jista' jmur fid-direzzjoni ta' Santa Venera. Kif kien qed jaghmel dan, f'daqqa wahda, warajh, kienet giet il-karozza misjuqa mill-konvenut. In rigward dan, ghandu jigi sottolineat li l-manuvra li kien qed jaghmel il-konvenut kienet wahda imprudenti stante li jidher li kien ser jindjetregga ghal go triq laterali msemmija sabiex jkun jista' jdur fid-direzzjoni ta' Santa Venera. Ghalhekk is-sewqan tal-konvenut jidher ukoll li kien imprudenti.

Ikkunsidrat

Illi l-quantum tad-danni jinsab sostanzjat mid-dokumenti a fol 35 u 36 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni u imprudenza tas-sewqan da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm230.76,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm230.76,0 bl-imghax legali mit-3 ta' April 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra u konsult ammontanti ghal Lm11.50,0 u dak tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Marzu 1996 msemmija fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg